31989L0219

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Marzu 1989

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/181/KEE li tistabbilixxi l-iskop ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 14 (1) (d) tad-Direttiva 77/388/KEE rigward l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerta merkanzija, sabiex tirrifletti l-introduzzjoni tan-nomenklatura magħquda

(89/219/KEE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar ir-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 20/89 [2], u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi l-klassifikazzjoni tal-merkanzija mniżżla fil-lista fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 83/181/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/331/KEE [4], hija bażata fuq l-użu tan-nomenklatura tal-Kunsill tal-Koperazzjoni tad-Dwana;

Billi l-Kunsill tal-Koperazzjoni tad-Dwana approva l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata tad-Deskrizzjoni u tal-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (minn issa 'l quddiem imsejħa s-"SA"); billi din il-Konvenzjoni kienet approvata mill-Kunsill bid-Deċiżjoni Nru 87/369/KEE [5] u ġiet applikata sa mill-1 ta' Jannar 1988; billi ġiet stabbilita kif xieraq nomenklatura magħquda biex tagħti effett lis-SA ġewwa l-Komunità Ekonomika Ewropea; billi r-referenzi fl-Artikolu 1(2)(d) u fl-Anness mad-Direttiva 83/181/KEE għandhom għalhekk ikunu bażati fuq in-nomenklatura magħquda msemmija;

Billi l-addattament tad-Direttiva 83/181/KEE għan-nomenklatura magħquda jinvolvi emenda purament teknika li bl-ebda mod ma tibdel l-iskop ta' l-għajnuniet ipprovduti fid-Direttiva msemmija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 83/181/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(2)(d) ir-referenza għall-intestatura bin-Nri 22.01 sa 22.09 tat-Tariffa Komuni tad-Dwana hija mibdula b'referenza għall-kodiċijiet tan-NK 2203 sa 2208.

2. L-Anness huwa mibdul bl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1989. Huma għandhom jgħarrfu fil-pront lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Marzu 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
(2) ĠU L 4, tas-6.1.1989, pġ. 19.
(3) ĠU L 105, tat-23.4.1983, pġ. 38.
(4) ĠU L 151, tas-17.6.1988, pġ. 79.
(5) ĠU L 198, ta' l-20.7.1987, pġ. 1.

ANNESS

"ANNESS

Materjali viżwali u awditorji ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali

Kodiċi tan-NK	Deskrizzjoni
3704 00	Folji fotografiċi, films, karti, kartun u tessuti, kollha tal-fotografija, esposti iżda mhux żviluppati:
ex 3704 00 10	— Folji fotografiċi u films:
	— Pellikoli ċinematografiċi, pożittivi, ta' natura edukattiva, xjentifika jew Kulturali
ex 3705	Folji fotografiċi u films, esposti u żviluppati, għajr pellikoli ċinematografiċi:
	— Ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali
3706	Pellikola ċinematografika, esposta u żviluppata, kemm jekk tinkorpora kolonna sonora jew li tikkonsisti f'kolonna sonora biss, u kemm jekk le:
3706 10	— B'wisa' ta' 35 mm jew iktar:
	— — Oħrajn:
ex 3706 10 99	— — — Pożittivi oħra:
	— Irkiekel tal-pellikola bl-aħbarijiet (b'kolonna sonora jew mingħajrha) bi ġrajjiet ta' aħbarijiet kurrenti li jkunu ta' valur fiż-żmien li jkunu importati, u li jkunu importati f'mhux aktar minn żewġ kopji bil-għan li jsiru kopji tagħhom
	— Materjal ta' arkivju fuq film (kemm jekk b'kolonna sonora u kemm jekk le) maħsub biex jintuża b'konnessjoni ma' films fuq l-irkiekel tal-pellikola ta' l-aħbarijiet
	— Films ta' rikreazzjoni, xierqa, b'mod partikolari, għat-tfal u persuni ta' età żgħira
	— Films oħra ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali
3706 90	— — Oħrajn:
	— — Oħrajn:
	— — — Pożittivi oħra:
ex 3706 90 51 ex 3706 90 91 ex 3706 90 99	— Irkiekel tal-pellikola ta' l-aħbarijiet (b'kolonna sonora jew mingħajrha) bi ġrajjiet ta' aħbarijiet kurrenti li jkollhom valur fiż-żmien ta' l-importazzjoni, u li jkunu importati f'mhux aktar minn żewġ kopji ta' kull suġġett bil-għan li jsiru aktar kopji tagħhom
	— Materjal ta' arkivju fuq film (b'kolonna sonora jew mingħajrha) maħsub biex jintuża b'konnessjoni ma' films ta' l-irkiekel tal-pellikola ta' l-aħbarijiet
	— Films ta' rikreazzjoni, xierqa, b'mod partikolari għat-tfal u għal persuni ta' età żgħira
	— Films oħra ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali:
4911	Materjal ieħor stampat, inklużi stampi u ritratti:
	— Oħrajn:
4911 99	— — Oħrajn:
ex 4911 99 90	— — — Oħrajn:
	— *Microcards* jew mezzi oħra użati għaż-żamma ta' l-informazzjoni meħtieġa f'servizzi ta' informazzjoni jew ta' dokumentazzjoni kompjuterizzati ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali
	— Ċarts li jitwaħħlu mal-ħajt u li huma maħsuba biss għad-dimostrazzjonijiet u għall-edukazzjoni
ex 8524	Diski, tejps u mezzi oħra li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-ħoss u fenomeni simili inklużi l-matriċi u l-oriġinali li jsiru l-kopji minnha użati fil-produzzjoni ta' diski, imma jeskludu prodotti msemmija fil-Kapitolu 37:
	— Ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali
ex 9023 00	Strumenti, apparat u mudelli, disinjati bil-ħsieb li jintużaw bħala dimostrazzjoni (per eżempju, fl-edukazzjoni jew f'wirjiet), u li ma jkunux tajbin għal użi oħra:
	— Disinji, mudelli u ċarts li jitwaħħlu mal-ħajt ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali, disinjati sabiex jintużaw biss f'wirjiet u għall-edukazzjoni
	— Mudelli sperimentali fuq skala sħiħa jew replika jew mudelli viżwali ta' kunċetti astratti bħalma huma strutturi molekulari jew formoli matematiċi
Varji	Ologrammi għall-proġettazzjoni bil-lejżer Tagħmir multi-medjarju Materjali dwar istruzzjonijiet programmati, inklużi materjali fil-għamla ta' kit bil-materjali stampati li jikkorrespondu magħhom"